31980D0461

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-22 ta' April 1980

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim innegozjat bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Kanada skond l-Artikolu XXVIII tal-GATT rigward ċerti prodotti fis-settur tal-frott u l-ħxejjex

(80/461/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkonsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

Billi l-Kanada, abbażi ta' l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT), uriet l-intenzjoni tagħha li tagħmel xi tibdil fil-konċessjonijiet tat-tariffi fuq ċerti prodotti li tagħhom il-Komunità Ekonomika Ewropea hija l-fornitur prinċipali;

Billi l-Kummissjoni fetħet nogozjati mal-Kanada skond l-Artikolu XXVIII tal-GATT u laħqet ftehim sodisfaċenti ma' dak il-pajjiż,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim innegozjat bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Kanada skond l-Artikolu XXVIII tal-GATT li jirrigwarda ċerti prodotti fis-setturi tal-frott u l-ħxejjex, huwa b'dan approvat f'isem il-Komunità.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat sabiex jaħtar il-persuna li jkollha s-setgħa li tiffirma l-Ftehim biex torbot lill-Komunità.

Artikolu 3

Ir-riżultat tan-negozjati jiġi nnotifikat lill-Partijiet Kontraenti fil-GATT.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-22 ta'April 1980.

Għall-Kunsill

Il-President

G. ZAMBERLETTI

FTEHIM

Magħmul bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Kanada skond l-Artikolu XXVIII tal-GATT dwar ċerti prodotti fis-settur tal-frott u l-ħxejjex

Id-dokumenti annessi jirreġistraw ir-riżultati ta' negozjati bejn id-delegazzjoni tal-Kanada u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej skond l-Artikolu XXVIII tal-GATT għall-tibdil fil-konċessjonijiet imsemmija fi Skeda V — Kanada.

F'isem id-delegazzjoni tal-Kummissjoni tal- Komunitajiet Ewropej

F'isem id-delegazzjoni tal-Kanada

Oliver Long
Direttur-Ġenerali
Segretarjat tal-GATT
Ċentru William Rappard
rue de la Lausanne, 154
CH-1211 Ġinevra

Negozjati dwar Skeda V — Kanada

Id-delegazzjoni tal-Kanada u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej ikkonkludew in-negozjati tagħhom skond l-Artikolu XXVIII għall-tibdil fil-konċessjonijiet imsemmija fi Skeda V — Kanada, kif indikat fir-rapport anness.

F'isem id-delegazzjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

F'isem id-delegazzjoni tal-Kanada

Riżultati ta' negozjati bejn il-Kanada u l-Komunitajiet Ewropej skond l-Artikolu XXVIII għall-tibdil fil-konċessjonijiet fi Skeda V — Kanada

Tibdil fi Skeda V — Kanada

Nota
Il-konċessjonijiet imsemmija fil-lista f'Anness A għandhom ikunu sostitwiti b'dawk imsemmija fil-lista f'Anness B. Sakemm ma jingħadx mod ieħor, kull oġġett imsemmi fil-lista B jagħti lill-Komunitajiet Ewropej drittijiet ta' negozjar inizjali.

ANNESS A

Tariffa oġġett nru	Deskrizzjoni	Rata ta' dazju iffissat fl-iskeda eżistenti
2400-1	Ċikwejra, nejja jew ħadra ..... (kull libbra)	Xejn
3905-1	Lamtu tal-patata u dqiq tal-patata ..... (kull libbra)	1,5 ċenteżmu
8400-1	Pjanti jew għenieqed tal-basal, fl-istat naturali tagħhom	15 %
8505-1	Faqqiegħ, ippriservat n.o.p.	12,5 ċenteżmi
	Ħxejjex, fil-bottijiet bla arja jew f'kontenituri oħra bla arja, bil-piż tal-kontenitur inkluż mal-piż għad-dazju:	
8904-1	Piżelli ..... (kull libbra)	1,5 ċenteżmu
8905-1	Tadam ..... (kull libbra)	2 ċenteżmi
8905-2	Kunserva tat-tadam ..... (kull libbra)	1,5 ċenteżmu
8906-1	n.o.p.	15 %
10525-2	Bettieħ, immarinat jew ippriservat fil-melħ, fis-salmura, fiż-żejt jew b'kull mod ieħor, n.o.p	15 %
10530-1	Ġeli, ġamm, marmellata, priserv, krema tal-frott u frott imħallat kompressat ..... (kull libbra)	3 ċenteżmi
10550-1	Bettieħ Zucca, imqaxxar jew imqatta' rqiq, fil-kubrit jew fis-salmura, għall-użu tal-manifattura fil-Kanada	5 %
	Meraq tal-frott u ġulepp tal-frott, n.o.p., jiġifieri:	
15201-1	Meraq tal-lumiċell	5 %

ANNESS B

Tariffa Oġġett nru	Deskrizzjoni	Rata ta' dazju ffissat
ex 825-1	Bebbux fil-bottijiet (tal-ġeneru *Helix*)	7,5 %
2400-1	Basal taċ-ċikwejra, nej jew aħdar, bil-weraq jew mingħajrhom (kull libbra)	B'xejn
6600-1	Gallettini, ħelwin	11 %
6605-1	Gallettini, ħelwin jew mhux, tal-valur ta' mhux inqas minn 20 ċenteżmu kull libbra, liema valur huwa bbażat fuq il-piż nett u jinkludi l-valur tal-pakketti li soltu jinbiegħu bl-imnut	11 %
6700-1	Mqarrun u tarja, mingħajr bajd jew ingredjenti oħra miżjudin (kull 100 libbra)	20 ċenteżmu
8400-1	Pjanti tal-basal, inkluż il-piż tal-pakketti mal-piż għad-dazju (kull libbra)	3 centeżmi iżda mhux inqas minn 15 %
	Ħxejjex, fil-bottijiet bla arja jew f'kontenituri oħra bla arja, n.o.p.:	
8902-1	Zunnarija żgħira	17,5 %
8903-1	Fażola, fiz-zalza tat-tadam fil-bottijiet	10 %
8907-1	n.o.p.	12,5 %
8905-1	Tadam	13,6 %
8915-1	Kunserva tad-tadam	13,6 %
9025-2	*Pâté de foie* bit-tartufa	5 %
	Patata, proċessata, priservata jew imħejja b'kull mod ieħor u prodotti tal-patata, inkluż lamtu u dqiq tal-patata, fil-bottijiet bla arja jew f'kontenituri oħra bla arja jew xort'oħra:	
9036-1	n.o.p.	12,5 %
	Faqqiegħ, proċessat, priservat jew imħejji b'kull mod ieħor fil-bottijiet bla arja jew f'kontenituri oħra bla arja jew xort'oħra:	
9061-1	n.o.p.	20 %
	Frott, immarinat jew priservat fil-melħ, fis-salmura, fiż-żejt, fil-ħall, fl-aċidu aċetiku jew f'dijossidu tal-kubrit jew priservattivi simili oħra, fil-bottijiet bla arja jew f'kontenituri oħra bla arja jew xort'oħra; frott immarinat b'kull mod ieħor, n.o.p.:	
10521-1	Bettieħ.	Xejn
	Ġeli, ġamm, marmellata,priserv, krema tal-frott u frott imħallat kompressat	
10530-1	n.o.p.	10 %
10531-0	Ġamm tal-frawli, bil-pektin jew mingħajru	15 %
	Meraq tal-frott, n.o.p., rikostruwit jew mhux, konċentrat jew mhux, u ġulepp tal-frott, n.o.p.:	
10651-1	Meraq tal-lumiċell	B'xejn
14100-2	Krema jew *paste* tal-qastan, ħelwin jew mhux	Xejn
16205-1	Vermut, aperitiv u nbid kordjali, li jkolhom 32 % jew inqas ta' gradazzjoni alkoħolika, kemm jekk ikunu importati fl-injam jew fi fliexken (kull gallun)	15 cent
	Xampanja u kull inbid ieħor frizzanti:	
16505-1	Perri, magħmul mill-fermentazzjoni tal-lanġas (kull gallun)	1,50 dollaru